MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 274/2013

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Charles Abela a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Elevators D.C Company Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hdax-il elf erba' mija sebgha u tmenin Ewro u tlett centezmi (€11,487.03), rapprezentanti ammont minnu dovut in kwantu ghal bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ta' hlas ratejali datat 19 t'April, 2012 kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti, u tal-ittra ufficjali bir-referenza 90/13 u tat-taxxi fuq id-drittijiet professjonali

u bl-imghaxijiet mid-19 t'April, 2012, data tal-imsemmi ftehim, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2013, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalkemm debitament notifikat, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut a nom u in rapprezentanza tas-socjeta Elevators D.C Company Limited ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hdax-il elf erba' mija sebgha u tmenin Ewro u tlett centezmi (€11,487.03), u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti, u tal-ittra ufficjali bir-referenza 90/13 u tat-taxxi fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-19 t'April, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------